MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-23 ta' April, 2012

Rikors Numru. 82/2011

**Antida Debattista**

***kontra***

**Carmelo Fenech u b`digriet tal-21 ta` Dicembru 2011 gie kjamat fil-kawza l-Avukat Generali**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat fit-12 ta` Dicembru 2011 li jaqra hekk –

*Illi b`decizjoni tas-27 ta` Ottubru 2011 il-Qorti tal-Appell ikkonfermat decizjoni tal-Bord li Jirregola l-Kera fl-ismijiet "Carmelo Fenech vs Dr. Karmenu Mifsud Bonnici noe" datata l-24 ta` Jannar 2011 u ffissat terminu ta` wiehed u ghoxrin jum sabiex Carmelo Fenech jirriprendi l-pussess tal-fond 119, Triq San Guzepp, Luqa li hu mikri lill-esponenti wara li d-defunt ragel tal-esponenti kien akkwistah fl-1996 minghand oht l-intimat b`titolu ta` emfitewsi temporanja.*

*Illi fil-proceduri quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera fil-kawza quddiem il-Bord fl-ismijiet "Carmelo Fenech vs Dr. Karmenu Mifsud Bonnici" (84/05GG) li giet deciza fl-24 ta` Jannar 2011 kif fuq inghad kien hemm lezjoni tad-drittijiet fondamentali ta` smigh xieraq kif garantit b`artiklu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta` Malta u artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.*

*Illi jirrizulta mill-atti processwali tal-kawza quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera li l-kawza kienet miexja gmielha u l-provi kienu qed jingabru b`mod mexxej. Illi fis-seduta tas-6 ta` Gunju 2007, Carmelo Fenech iddikjara li ma kienx fadallu iktar provi u l-kawza thalliet ghat-12 ta` Dicembru 2007 u eventwalment din thalliet ghall-provi tal-intimata, illum rikorrent, ghas-16 ta` April 2008.*

*Illi fil-frattemp gew nominati periti biex jaccedu fil-fond de quo u jirrelataw dwar l-istat tieghu u fis-16 ta` April 2008 l-istess periti nfurmaw lill-Bord li kien jehtiegilhom iktar zmien biex jespletaw l-inkarigu taghhom.*

*Illi fis-seduta tal-15 ta` Ottubru 2008, l-esponenti nformat lill-Qorti li zewgha – li kien ghall-kura fl-Istati Uniti minhabba marda severa u gravi li tawlet numru ta` snin – kien miet u kienet ser tassumi l-atti f`isimha u l-esperti gew awtorizzati biex jipprezentaw u jahilfu r-rapport taghhom.*

*Fis-seduta ta` wara, jigifieri dik tat-18 ta` Frar 2009 Carmelo Fenech rega` ghazel li jipproduci xhieda ohra anke jekk kien ghalaq il-provi kwazi sentejn qabel u fil-fatt dawn instemghu mill-Bord u r-rikors gie differit ghall-10 ta` Gunju 2009 ghall-provi tal-intimata, illum rikorrenti.*

*Illi fis-seduta tal-10 ta` Gunju 2009 l-esponenti kienet ser tixhed imma b`ordni fil-Bord r-rikors gie differit ghad-9 ta` Dicembru 2009 bhalma gew differiti en bloc il-kawzi l-ohra kollha fuq il-lista ta` dik il-gurnata.*

*Illi fis-seduta tad-9 ta` Dicembru 2009 l-esponenti nnotat li hi ma kellhiex kopja tar-rapport tal-periti u l-kawza thalliet ghall-provi taghha, jigifieri tal-esponenti, ghall-1 ta` Marzu 2010.*

*Illi fl-udjenza tal-1 ta` Marzu 2010, il-kuratur illum Avukat tal-esponenti, kien intenzjonat jidher quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera, tant li ftit tal-minuti biss qabel is-seduta, l-appellant kien prezenti fl-Awla tal-Bord, jistenna li jsir it-turn tieghu, imma assenta ruhu momentarjament sabiex ikun jista` jattendi ghal seduta ohra quddiem Qorti ohra. Madankollu l-avukat tar-rikorrent appellat, sab l-okkazjoni, sabiex f`dak in-nuqqas talab li r-rikors de quo jithalla ghas-sentenza, liema talba giet milqugha tant li l-Bord iddifferixxa r-rikors ghall-14 ta` April 2010 ghal dak l-iskop; lanqas ma jirrizulta mill-verbal tal-istess seduta li l-appellanti gie mghajjat ghas-seduta, kif del resto hija l-prassi ordinarja quddiem il-Qrati taghna.*

*Illi fil-11 ta` Marzu 2010, il-kuratur appellant ipprezenta rikors fejn filwaqt li gab dan kollu a konjizzjoni tal-Bord li Jirregola l-Kera talab bir-rispett lill-Bord sabiex jordna s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u minflok ikompli jisma` l-kawza skond il-verbal precedenti, il-Bord iddekreta r-rikors provizorjament billi ordna n-notifika tieghu lill-kontroparti minghajr ma hass il-htiega li*

*jordna komunika lill-avukat tal-intimata, illum esponenti, kif solitament jigri f`rikors u digrieti provizorji serji ta` dina x-xorta li jimpingu fuq l-ezitu ta` kawza.  Effettivament il-Bord baqa` ma ddekretax it-talba originali tar-rikors tal-11 ta` Marzu 2010 sal-ahhar nett, tant li dan ir-rikors ghadu mhux dekretat sal-lum.*

*Illi meta fis-seduta tal-14 ta` April 2010 l-avukat sottoskritt, priv kif kien minn kwalsiasi komunika tad-digriet provizorju, mar biex jattendi ghas-seduta sabiex jivverifika formalment x`kien l-esitu tar-rikors tal-11 ta` Marzu 2010 u jikkawtela d-drittijiet tal-esponenti huwa sab li l-lista tal-kawzi kienet kollha differita en bloc ghall-21 ta` Gunju 2010.*

*Illi meta l-avukat sottoskritt mar biex jattendi fil-21 ta` Gunju 2010 ghas-seduta huwa gie rinfaccjat b`ordni biex johrog mill-edifizzji tal-Qorti stante li fid-09.40 ta` filghodu, meta s-seduta allura kienet appena bdiet, dahlet theddida ta` bomba.  Illi l-konfuzjoni li sussegwiet wara din it-theddida ta` bomba, meta allura l-kawzi kollha nstemghu fl-istess hin wasslet biex l-avukat sottoskritt ma setax jattendi ghas-seduta.  Biss is-sentenza ma nghatatx u l-kawza giet differita ghall-1 ta` Novembru 2010.*

*Illi meta l-avukat sottoskritt attenda ghas-seduta tal-1 ta` Novembru 2010 u sab li s-sentenza ma kinitx ser tinghata, tant li l-kawza giet differita ghas-26 ta` Novembru 2010, huwa prova jfiehem lill-Bord dwar il-htiega ta` sospensjoni ta` prolazzjoni tas-sentenza u l-ingustizzja kbira li kienet se ssehh imma l-Bord ma riedx jaf u skarta f`inqas minn sekonda kull talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza.*

*Illi ghalhekk, il-Bord li Jirregola l-Kera cahhad lill-appellant minn smigh xieraq billi naqas milli jaghti l-fakolta` lill-intimat appellant milli jipprezenta l-kaz tieghu, u dana a bazi ta` talba xejn korretta tal-avukat tar-rikorrent appellat*

*li min-naha tieghu thalla liberament jipproduci kwalsiasi xhieda li deherlu li kellu jtella` u abbazi tal-agir tal-Bord li naqas milli jaghti kas sensiela ta` cirkostanzi li meta tigborhom flimkien iwasslu ghal ingustizzja fil-mod ta` kif id-dritt ta` smigh xieraq tal-esponenti gie karpit.*

*Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti :*

*1. Tiddikjara li l-esponent gie lez lilha d-dritt fondamentali ta` smigh xieraq skond kif sanciti mill-artiklu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.*

*2. Taghti dawk il-precedenti kollha li jidhrilha li huma opportuni.*

Rat id-digriet taghha tal-21 ta` Dicembru 2011 fejn laqghet it-talba tar-rikorrenti kif dedotta fir-rikors taghha tad-19 ta` Dicembru 2011 ghall-kjamata fil-kawza tal-Avukat Generali.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Carmelo Fenech prezentata fis-<u>16 ta` Jannar 2012</u> li taqra hekk –

*1. Preliminarjament tigi eccepita n-nullita` tal-proceduri odjerni mibdijin mill-attrici u dan ghar-ragunijiet segwenti -*

*a) l-esponent bhala persuna privata qatt ma jista` jkun konsidrat bhala l-legittimu kontradittur f`kawza kostituzzjonali bhal din odjerna fejn qed jigi allegat ksur ta` dritt fondamentali tal-bniedem dwar nuqqas ta` smigh xieraq allegatament kommess mill-Bord li Jirregola l-Kera. Certament ma jistax jinghad li kien l-esponent li kkommetta vjolazzjoni kontra d-dritt ghal smigh xieraq*

*allegat mill-attrici stante li ma kienx hu li kellu l-poter u diskrezzjoni jiddeciedi meta u kif il-provi kellhom jigu dikjarati maghluqin fil-kawza matul liema saret l-allegata vjolazzjoni ;*

*b) huwa principju ben assodat illi l-proceduri ghall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali ma jistghux jimxu minghajr il-prezenza fihom ta` legittimu kontradittur li f`dan il-kaz huwa certament nieqes ;*

*c) l-artiklu ghab-bazi ta` liem tressqet it-talba attrici u cioe` l-artiklu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta` Malta jirreferi ghal-dritt ta` smigh xieraq meta xi hadd ikun akkuzat b`reat kriminali u mhux ghal proceduri ta` zgumbrament kif kien il-kawza ghar-rigward ta` liem l-attrici ntavolat dan ir-rikors;*

*d) Jekk stess l-attrici kkunsidrat li kienet sehhet vjolazzjoni ta` dritt ta` smigh xieraq matul il-proceduri quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera, din kellha ssegwi l-procedura dettata mill-artiklu 46(3) tal-Kostituzzjoni qabel ma nghatat is-sentenza mill-istess Bord u mhux timxi permezz tal-proceduri odjerni wara li naqset milli ssegwi l-procedura dettata mil-ligi fil-kamp ta` referenzi kostituzzjonali ;*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi eccepit li l-allegazzjonijiet imressqa mill-attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ebda vjolazzjoni ta` dritt ta` smigh xieraq ma giet kommessa fil-konfront tal-attrici stante li hekk kif ser jirrizulta matul il-mori tal-kawza fl-ismijiet Carmelo Fenech vs Dr. Karmenu Mifsud Bonnici noe deciza fl-24 ta` Jannar 2011 u konfermata fis-27 ta` Ottubru 2011 -*

*a) il-Bord li Jirregola l-Kera kien cahad it-talba tal-kuratur appellant ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza minhabba l-fatt li dan kien irrizultalu korrettement li l-konvenut kien qed itawwal inutilment u fil-fatt l-istess Bord proprju fis-seduta tal-1 ta` Marzu 2010 kien ta l-ahhar cans lill-konvenut sabiex itella` x-xhieda li*

*kien ghad fadal pero` dan baqa` ma tella` lil hadd. Kien in vista ta` dan in-nuqqas li l-Bord naturalment u b`mod xieraq kien halla l-kawza ghas-sentenza ghal nhar l-14 ta` April 2010 ;*

*b) l-attrici stess fir-rikors kostituzzjonali taghha taghmel referenza ghall-fatt li fis-seduta tad-9 ta` Dicembru 2009, li kienet ukoll intiza ghall-provi taghha ma kien sar xejn daparti taghha. Din tipprova ggib l-iskuza li dakinhar kienet innotat li ma kellhiex kopja tar-rapport peritali minkejja li r-rapport kien gie prezentat fit-2 ta` Dicembru 2008 kif jirrizulta a fol. 146 tal-process u cioe` aktar minn sena qabel il-jum li fih l-attrici kellha tixhed dakinhar ;*

*c) mill-mori tal-istess kawza u mill-istess rapport tirrizulta wkoll gustifikata l-fehma tal-Bord li l-proceduri kienu qeghdin jittawlu inutilment mill-konvenut tant li anke matul iz-zmien li kien inghata biex jigi redatt ir-rapport peritali l-avukat tal-attrici (li dak iz-zmien kienet il-konvenuta fil-kawza ghall-izgumbrament) kien naqas milli jidher darbtejn ghall-access fil-15 ta` Jannar 2008 u fid-19 ta` Frar 2008 ;*

*d) minkejja dan id-dilungar ingustifikat, fis-seduta tad-9 ta` Dicembru 2009, l-istess Bord kien xorta wahda ta lill-attrici l-ahhar opportunita` sabiex tipprezenta l-provi taghha li tabilhaqq, setghu jigu pprezentati b`affidavit li kieku din verament kienet riedet taghti xi xhieda. Waslet imbaghad is-seduta tal-1 ta` Marzu 2010 u ghal darb`ohra ma deher hadd ghall-attrici ;*

*e) minkejja li l-avukat tal-attrici baqa` jallega li dakinhar tas-seduta ta` l-1 ta` Marzu 2010, huwa kien intenzjonat jidher quddiem il-Bord, izda ma deherx ghax kien assenta ruhu momentarjament, minkejja z-zmien twil li kien ghadda minn dik is-seduta sa meta eventwalment inghatat is-sentenza dan naqas milli jsemmi x`kien intenzjonat li jipprezenta dakinhar minkejja li kienu nghataw bosta differimenti qabel ma s-sentenza eventwalment inghatat fis-26 ta` Novembru 2010 ;*

*f) ghall-kuntrarju ta` dak allegat mill-attrici, jirrizulta wkoll li wara kollox, l-istess Bord kien ha wkoll in konsiderazzjoni r-rikors prezentat mill-intimat appellant fil-11 ta` Marzu 2010 li permezz tieghu kienet giet mitluba s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, izda cahad dan ir-rikors stante li deher car li l-intimat ma kien fadallu ebda prova xi jressaq ; wara kollox l-attrici kienet baqghet l-Amerika fejn kienet ilha tghix ghal diversi snin (minflok ma tghix fil-fond li kien mikri lilha mill-eccipjent!) L-avukat tal-attrici baqa` jallega li huwa kien ghad fadallu jaghmel xi kontro-ezamijiet izda jidher car li din l-iskuza ma gietx accettata mill-Bord, pero` din ic-cahda saret wara li gie konsidrat ir-rikors prezentat minnu stess, b`hekk fir-rigward ta` l-allegazzjoni ta` nuqqas ta` smigh xieraq, jidher car li smigh xieraq kien hemm, izda l-iskuzi ta` l-intimat ma gewx accettati ;*

*g) illi kwalsiasi dritt ghal smigh xieraq jitlob ukoll li s-smigh isir fi zmien ragjonevoli u ghaldaqstant meta dawn iz-zewg drittijiet gew imwiezna fil-konfront ta` xulxin, il-Bord qies li fil-waqt li s-smigh li kien inghata lill-attrici kienet wahda xieraq stante li din kienet inghatat zmien xieraq u bosta opportunitajiet bhala konvenuta f`dik il-kawza biex tikkonkludi l-prezentata ta` provi taghha, id-dritt li l-proceduri ta` zgumbrament inizjati mill-esponent jigu konkluzi fi zmien xieraq kien qed jigi ppregudikat ;*

*h) illi minn harsa lejn is-sentenza moghtija mill-Bord li Jirregola l-Kera kif konfermata mill-Qorti tal-Appell ghandu jirrizulta car li l-provi taz-zewg nahat inghataw il-piz taghhom izda rrizulta li t-talbiet ta` l-esponent ghall-izgumbrament kienu gustifikati. B`hekk ma kien hemm ebda nuqqas ta` konsiderazzjoni xierqa tal-provi.*

*3. Illi l-ilment kostituzzjonali u l-allegazzjonijiet tal-attrici kontenuti fih huma frivoli u vessatorji ghar-ragunijiet esposti fit-tielet eccezzjoni. Dan il-fatt gie konfermat fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta` Ottubru 2011 fejn din ikkonkludiet illi -*

*din il-Qorti thoss li kull argument li l-intimata ma kellhiex smigh xieraq hija frivola u vessatorja u dan ghaliex jidher car li l-istess appellant naqsu li jressqu l-provi taghhom meta kellhom zewg seduti ffissati biss ghal tali skop u huma naqsu li jidhru, tant li minkejja dak li jghid l-appellant fir-rikors tieghu, minn imkien ma jirrizulta li huma kienu l-Qorti dakinhar li kellhom is-seduti sabiex jaghtu x-xhieda taghhom, tant li ma dehrux ghall-istess seduti. Setghu wkoll jipprezentaw affidavits, izda dan lanqas ma ghamluh ; barra minn dan ir-rikors tal-11 ta` Marzu 2010 wara l-prezentata tieghu lanqas ma gie notifikat lill-kontro-parti, u lanqas jirrizulta li kien hemm almenu tentattiv sabiex dan isir. Dawn huma nuqqasijiet serji u ripetuti tal-intimati appellanti u certament irendi l-aggravju ta` nuqqas ta` smigh xieraq kompletament bla bazi. Din il-Qorti thoss ghalhekk li dan l-aggravju ma huwiex fondat bl-ebda mod u qed jigi michud ghax kompletament bla bazi.*

*4. Ulterjorment stante l-fatt li r-rikors ta` l-attrici huwa frivolu u vessatorju l-esponent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tapplika s-sanzjonijiet li hemm ai termini ta` l-Artiklu 10(1), Tariffa A, Skeda A tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili u ghalhekk tapplika spejjez addizzjonali.*

*5. Salv eccezzjonijiet ohra.*

*Bl-ispejjez.*

Rat ir-risposta tal-kjamat fil-kawza prezentata fis-17 ta` Jannar 2012 li taqra hekk –

*1. Illi ma sehhet ebda vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti taht l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u lanqas ma jista` jinghad li sehh ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Sabiex jista` jinghad li sehh tali ksur, ir-rikorrent irid jirnexxielu jikkonvinci din il-*

*Qorti li, meta wiehed jgharbel l-assjem tal-proceduri, tassew jista` jinghad li huwa sofra lezjoni tad-drittijiet tieghu. Dan m`huwiex il-kaz hawnhekk.*

*2. Illi r-rikorrenti u/jew l-avukat taghha kienu obbligati li jkunu prezenti ghas-seduti li nzammu mill-Bord tal-Kera, u huwa prezunt li l-avukati tal-partijiet kienu ser jaraw li ma jkollhomx kawzi ohrajn fl-istess hin tas-smigh ta` dik is-seduta. Ghalhekk, hu ma jistax jilmenta talli l-Bord fil-11 ta` Marzu ddiferixxa l-kawza ghas-sentenza. Li kieku kien prezenti dakinhar seta` jintervjeni u jitlob li l-kawza titkompla.*

*3. Illi di piu`, kif ikkonstat il-Qorti tal-Appell, jirrizulta li qabel l-1 ta` Marzu 2010 il-kawza kienet diga` giet differita darbtejn ghall-provi tal-intimata Debittasta, cioe` r-rikorrenti odjerna. Il-Bord cahad ir-rikors taghha peress illi sal-21 ta` Jannar 2011 lanqas biss kien sar tentattiv ta` notifika, minkejja li l-istess Bord kien taha c-cans kollu li taghmel dan.*

*Illi l-esponent ihoss li ma jistax ma jikkwotax dak li qalet il-Qorti tal-Appell a propozitu tal-appell tal-attrici fejn jinghad illi "Ovvjament f`dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li kull argument li l-intimata ma kellhiex smigh xieraq hija frivola u vessatorja u dan ghaliex jidher car li l-istess appellanti naqsu li jressqu l-provi taghhom meta kellhom zewg seduti ffissati biss ghal dan l-iskop u huma naqsu li jidhru".*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrespingi r-rikors odjern bl-ispejjez kontra r-rikorrent.*

Rat il-verbal tal-udjenza tad-19 ta` Jannar 2012.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn laqghet talba tar-rikorrenti sabiex jigu allegati ghall-fini ta` prova l-atti tal-kawza fl-ismijiet *“Carmelo Fenech vs Dr. Karmenu Mifsud Bonnici noe” (Rikors Nru. 84/2005)* li kienet deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-24 ta` Jannar 2011.

Rat id-digriet taghha tal-25 ta` Jannar 2012 fejn, wara talba mir-rikorrenti, opposta mill-intimat u mill-kjamat fil-kawza, tat mizura *interim* fis-sens illi ssospendiet l-effetti tal-Mandat ta` Zgumbrament Nru.170 / 2011 sad-data li fiha r-rikorrenti taghlaq il-provi taghha fil-kawza tal-lum, u rriservat illi taghti provvediment ulterjuri wara dakinhar.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-5 ta` Marzu 2012.

Rat illi fl-istess udjenza mhux biss inghalaq il-gbir tal-provi, izda saret it-trattazzjoni finali tal-kawza li thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Provi</u>**

**Hemm qbil bejn il-partijiet illi l-provi fil-kawza tal-lum huma migbura fl-atti tal-kawza fuq riferita li gew allegati.**

Din il-Qorti rat il-process ta` dik il-kawza u minnu sejra tislet **(<u>f`ordni</u> <u>kronologiku</u>)** dawk il-fatti li fil-fehma taghha huma rilevanti ghall-fini tal-kawza tal-lum -

1) Fit-3 ta` Novembru 2005, l-intimat (“Fenech”) ipprezenta rikors fil-Bord li Jirregola l-Kera (“il-Bord”) kontra r-rikorrenti u zewgha Joseph Debattista (“Debattista”) fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, talab lill-Bord sabiex jawtorizzah jirriprendi l-pussess tal-fond 119, Triq San Guzepp, Hal-Luqa, u sabiex jordna l-izgumbrament ta` Debattista mill-fond f`terminu qasir u perentorju.

2) Fl-udjenza tas-6 ta` Gunju 2007, Fenech iddikjara li kien qed jaghlaq il-provi tieghu. Fl-istess udjenza l-Bord hatar lill-Periti David Pace u Valerio Schembri sabiex jikkostataw il-hsarat li Fenech allega li kien hemm fil-fond de quo.

3) Joseph Debattista miet fit-18 ta` Novembru 2007.

4) Fl-udjenza tat-18 ta` Frar 2009, Fenech ressaq aktar provi u l-kawza baqghet ghall-10 ta` Gunju 2009 ghall-provi ta` Debattista..

5) Il-Periti David Pace u Valerio Schembri pprezentaw ir-relazzjoni taghhom fl-4 ta` Marzu 2009.

6) L-udjenza tal-kawza tal-10 ta` Gunju 2009 ma saritx u l-kawza baqghet ghad-9 ta` Dicembru 2009.

7) Il-verbal tal-udjenza tad-9 ta` Dicembru 2009 kien jaqra hekk –

*Stante illi l-periti ghadhom ma pprezentawx ir-rapport taghhom, fuq talba ta` Dr. Owen Bonnici, il-kawza*

*tibqa` differita ghall-ahhar darba ghall-provi tal-intimata ghall-1 ta` Marzu 2010 fl-10.00 a.m.*

8) Il-verbal tal-udjenza tal-1 ta` Marzu 2010 kien ighid hekk –

*Meta ssejjah ir-rikors deher ir-rikorrenti assistit.*

*Dr. Frank Cassar jitlob li r-rikors jithalla ghas-sentenza peress illi l-intimati qeghdin l-Amerika u peress illi din kienet it-tieni darba li r-rikors ikun differit biex jixhdu l-intimati.*

*Il-Bord jiddifferixxi r-rikors ghas-sentenza ghall-14 ta` April 2010 fid-9.00 a.m.*

9) Fil-11 ta` Marzu 2010, Debattista pprezentat rikors fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, talbet lill-Bord sabiex *jordna s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza* u jkompli jisma` l-kawza *skond l-ahhar verbal precedenti ghas-seduta tal-1 ta` Marzu 2010.*

10) B`digriet moghti fis-6 ta` April 2010, il-Bord ordnat in-notifika tar-rikors lil Fenech bi zmien jumejn biex iwiegeb.

11) Mill-udjenza tal-14 ta` April 2010, il-kawza baqghet ghas-sentenza ghall-21 ta` Gunju 2010.

12) Mill-udjenza tal-21 ta` Gunju 2010, il-kawza baqghet ghas-sentenza ghall-1 ta` Novembru 2010. Minn dokument esebit mir-rikorrenti, jirrizulta illi fil-21 ta` Gunju 2010 fl-9.40 a.m., kienet rappurtata lill-Pulizija theddida ta` bomba fil-bini tal-Qorti, Valletta.

13) Mill-udjenza tal-1 ta` Novembru 2010, il-kawza baqghet ghas-sentenza ghas-26 ta` Novembru 2010.

14) Fil-25 ta` Novembru 2010, id-difensur ta` Debattista talab lill-Bord sabiex fis-26 ta` Novembru 2010 minflok il-kawza tinstema` fid-9.00 a.m. tinstema` fil-11.00 a.m. peress illi kien *impenjat b`lectures fl-Universita` ta` Malta.*

15) Mill-udjenza tas-26 ta` Novembru 2010, il-kawza baqghet ghas-sentenza ghall-24 ta` Jannar 2011.

16) Fil-21 ta` Jannar 2011, il-Bord cahad it-talba ta` Debattista ghar-raguni moghtija fid-digriet.

17) Fil-21 ta` Jannar 2011, Debattista harget ghan-notifika r-rikors taghha tal-11 ta` Marzu 2010.

18) Id-difensur ta` Fenech kien notifikat fl-24 ta` Jannar 2011 bir-rikors tal-11 ta` Marzu 2010.

19) Il-kawza kienet deciza fl-24 ta` Jannar 2011 kontra Debattista.

20) Debattista appellat. Tnejn kienu l-aggravji. L-ewwel aggravju kien *nuqqas ta` smigh xieraq.*

21) L-appell kien deciz kontra Debattista fis-27 ta` Ottubru 2011. *Inter alia* l-Qorti tal-Appell qieset l-aggravju tal-appellanti dwar l-allegat *nuqqas ta` smigh xieraq* u cahdet dak l-aggravju bhala nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet li jissemmew fis-sentenza.

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>L-eccezzjoni tan-nullita`</u>**

Din il-Qorti tghid illi bil-fatt illi *fil-bidu* Debattista pprezentat ir-rikors odjern kontra Fenech *wahdu* ma jgibx in-nullita` tal-azzjoni. Kif kienet impostata l-azzjoni, ma jirrizultax bhala fatt illi kien Fenech illi allegatament kiser xi dritt fundamentali jew konvenzjonali ta` Debattista. Fl-istess waqt kien jissussisti l-interess rikjest mil-ligi illi Fenech ikun parti fil-procedura tal-lum anke ghaliex esitu favorevoli ghal Debattista jista` jkollu effett dirett fuq id-drittijiet ta' Fenech. L-assenza *voluta* ta` Fenech minn din il-kawza seta` jkun ta` pregudizzju ghalih u ghalhekk il-presenza tieghu fil-kawza kienet vitali. Dan premess, b`Fenech *wahdu* fil-kawza, il-process ma kienx se jkun integru ghaliex f``kawza ta` din ix-xorta, tenut kont tal-kawzali u tat-talba, il-presenza tal-Avukat Generali bhala parti kienet essenzjali. Din il-mankanza kienet rimedjata bil-kjamata fil-kawza tal-Avukat Generali. Dwar il-kwistjoni jekk kienx jinkombi fuq Debattista illi titlob riferenza kostituzzjonali quddiem il-Bord, ladarba kienet tal-fehma li l-Bord *stess* kien qieghed icahhadha mid-dritt ghal smigh xieraq, din il-Qorti tghid illi talba ghal riferenza kostituzzjonali mhijiex tassattiva u l-fatt illi ma tintalabx f`sede gudizzjarja partikolari mhijiex pregudizzjali ghall-istituzzjoni ta` procedura kostituzzjonali *ad hoc* bhal dik tal-lum.

**<u>Ghalhekk din il-Qorti qeghda tichad l-eccezzjoni</u>**.

**Ikkunsidrat :**

**IV. <u>Risultanzi</u>**

Ghall-fini tal-kawza tal-lum, il-parti **<u>rilevanti</u>** ta` l-**<u>Art.39</u>** tal-Kostituzzjoni ta` Malta “”Il-Kostituzzjoni”) huwa **it-tieni subinciz (2)** li jaqra hekk –

*(2) Kull qorti jew awtorità ohra gudikanti mwaqqfa b`ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta` drittijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti u imparzjali ; u meta l-proceduri ghal decizjoni bhal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità ohra gudikanti bhal dik, il-kaz ghandu jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli.*

Il-parti **<u>rilevanti</u>** ta` l-**<u>Art.6</u>** tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem (“Il-Konvenzjoni”) ghall-kaz tal-lum huwa **l-ewwel subinciz (1)** li jaqra hekk -

*Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta` l-obbligi tieghu jew ta` xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b`ligi. Is-sentenza ghandha tinghata pubblikament izda l-istampa u l-pubbliku jista` jigi eskluz mill-proceduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, ta` l-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f`socjeta` demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew ilprotezzjoni tal-hajja privata tal-partijiet hekk tehtieg, jew safejn ikun rigororament mehtieg fil-fehma tal-qorti f`cirkostanzi specjali meta l-pubblicità tista` tippregudika l-interessi tal-gustizzja.*

L-awturi Harris, O`Boyle & Warbrick tal-ktieb **“<u>Law of the European Convention on Human Rights</u>**” - Second Edition – 2009 – Oxford - ighidu hekk - fil-pagna 201 :

*The Court* (b`riferenza ghall-Qorti ta` Strasbourg) *has stressed that “the right to a fair trial holds so prominent a place in a democratic society that there can be no justification for interpreting Article 6(1) of the*

*Convention restrictively*" (*Perez v France – 2004-I ; 40 EHRR 909 para 64 GC*).

Ikomplu hekk fil-pagna 202 –

***The Court also allows States a wide margin of appreciation as to the manner in which national courts operate … A consequence of this is that in certain contexts the provisions of Article 6 are as much obligations of results as of conduct, with national courts being allowed to follow whatever particular rules they choose so long as the end result can be seen to be a fair trial****.* (enfasi ta` din il-Qorti)

Izjed fil-pagna 204 –

***In some contexts a breach of Article 6 will only be found to have occurred upon proof of "actual prejudice" to the applicant.***
(enfasi ta` din il-Qorti)

Fil-pagna 224 jinghad –

*Article 6 does not control the content of a state`s national law ; it is only a procedural guarantee of a right to a fair hearing in the determination of whatever legal rights and obligations a state chooses to provide in its law.*

Imbaghad aktar lura fil-pagna 251 –

*The right to a fair hearing supposes compliance with the principle of equality of arms. This principle, which applies to civil as well as criminal proceedings, requires each party to be given a reasonable opportunity to present his case under conditions that do not place him at a substantial disadvantage vis-à-vis his opponent. In general terms, the principle incorporates the idea of a fair balance between the parties*.

L-awturi Van Dijk, Van Hoof, Van Rijn, Leo Zwaak fil-ktieb **"Theory and Practice of the European Convention on Human Rights"** - Fourth Edition – Intersentia – 2006 jaghmlu din l-analizi :

Fil-pagna 578 –

*When is a hearing fair ? In the Kraska case* (sentenza tad-19 ta` April 1993) *the Court took as a starting-point that the purpose of Article 6 is inter alia "to place the tribunal under a duty to conduct a proper examination of the submissions, arguments and evidence adduced by the parties, without prejudice to its assessments of whether they are relevant to its decision.*

Din il-Qorti qieset bir-reqqa l-fatti tal-kawza tal-lum, fl-isfond ta` dak li jipprovdu l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni, kif mifhuma fid-dottrina u fil-gurisprudenza, u tistqarr minghajr l-icken esitazzjoni illi l-Bord b`ebda mod ma cahhad lir-rikorrenti mid-dritt taghha ghal smigh xieraq. Bil-maqlub ta` dak allegat u pretiz mir-rikorrenti, il-Bord ma vvjolax il-principju tal-*audi alteram partem* fil-konfront taghha.

Ghalkemm jirrizulta li l-Bord baqa` jisma` provi tal-intimat odjern sal-udjenza tat-18 ta` Frar 2009, wara dik l-udjenza kien jispetta lir-rikorrenti tal-lum illi tressaq il-provi taghha. Setghet jekk riedet thejji provi bil-procedura tal-affidavit sal-udjenza tal-10 ta` Gunju 2009 li kienet l-udjenza li thalliet ghall-provi taghha. Ghala dan ma garax ma jirrizultax. Ghalkemm jirrizulta li l-kawza ma saritx fl-10 ta` Gunju 2009 *b`ordni tal-Bord* jirrizulta illi sa ma l-kawza thalliet ghas-sentenza, ir-rikorrenti baqghet ma ressqet l-ebda provi bl-affidavit, la ressqet provi dokumentarji u lanqas indikat minimament xi provi *viva voce* kien behsiebha tressaq. Imkien mill-atti tal-kawza quddiem il-Bord ma jirrizulta li r-rikorrenti riedet teskuti lill-

periti gudizzjarji dwar ir-rapport taghhom. Il-Bord baqa` juri prudenza mar-rikorrenti meta fl-udjenza tad-9 ta` Dicembru 2009, halla l-kawza *ghall-ahhar darba ghall-provi tal-intimata ghall-1 ta` Marzu 2010 fl-10.00 a.m.*

Fil-premessi tar-rikors taghha, ir-rikorrenti tallega illi fl-udjenza tal-1 ta` Marzu 2010, id-difensur tal-intimat odjern mexa b`mod etikament skorrett ghaliex talab *li r-rikors jithalla ghas-sentenza peress illi l-intimati qeghdin l-Amerika u peress illi din kienet it-tieni darba li r-rikors ikun differit biex jixhdu l-intimati.* Din il-Qorti mhijiex tal-istess fehma ghaliex ghal dik l-udjenza r-rikorrenti u d-difensur taghha (<u>bla raguni validu almenu mill-atti</u>) la dehru u lanqas iggustifikaw l-assenza taghhom dakinhar. Ghalhekk ir-rikors thalla ghas-sentenza.

Fir-rikors taghha fil-kawza tal-lum, ir-rikorrenti taghmel enfasi fuq il-fatt illi l-Bord injora r-rikors taghha tal-11 ta` Marzu 2010 fejn talbet li jkun hemm *sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza* u li l-kawza tibqa` ghall-provi taghha u minflok baqa` ghaddej biex jaghti s-sentenza. Pero` din l-enfasi kollha tar-rikorrenti ma tista` twassalha mkien fl-ambitu tal-kawzali tal-azzjoni tentata minnha. Dan qieghed jinghad ghaliex ghalkemm wara dak ir-rikors, il-Bord ta digriet fis-6 ta` April 2010 fejn ordna n-notifika lil Fenech bi zmien jumejn biex iwiegeb, kien biss fil-21 ta` Jannar 2011 illi Debattista harget ghan-notifika r-rikors taghha tal-11 ta` Marzu 2010. U l-21 ta` Jannar 2011 kienet id-data meta l-Bord cahad t-talba tar-rikorrenti kif dedotta fir-rikors taghha tal-11 ta` Marzu 2010. Ghala hadet dawk ix-xhur kollha biex tiehu hsieb in-notifika tar-rikors, Debattista ma tispjegax. Jibqa` l-fatt illi Debattista kellha opportunita` bizzejjed biex tressaq il-provi taghha izda naqset htija taghha.

Din il-Qorti hija tal-fehma illi r-riferenza tar-rikorrenti ghat-theddida ta` bomba li kien hemm fil-Qorti fil-21 ta` Gunju 2010 ma jiggustifikax l-istanza taghha tal-lum u lanqas ma holoq xi pregudizzju partikolari ghaliha ghaliex

il-kawza diga` kienet ghas-sentenza ghal dakinhar u s-sentenza baqghet ma nghatatx f`dik id-data. In-nuqqas kien tar-rikorrenti illi ma kenitx previdenti bizzejjed illi ghalkemm talbet is-sospensjoni tal-proloazzjoni tas-sentenza ma haditx hsieb tottempera ruhha mad-digriet tal-Qorti.

Din il-Qorti tkompli tosserva illi fir-rikors tal-appell taghha mis-sentenza tal-Bord tal-24 ta` Jannar 2011 hija allegat illi kien hemm *nuqqas ta` smigh xieraq* fil-konfront taghha. Hemm gabet l-istess argumenti li ressqet fil-procediment tal-lum. Dawk il-lanjanzi kienu respinti mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tas-27 ta` Ottubru 2011.

Ghalkemm l-esitu tal-kawza li kienet deciza l-ewwel mill-Bord u wara mill-Qorti tal-Appell ma ssoddisfax l-aspettattivi tar-rikorrenti ma jfissirx illi dak l-esitu sehh ghaliex ir-rikorrenti kienet b`xi mod privata milli tressaq il-kaz taghha adegwatament quddiem l-Bord. Jirrizulta li quddiem il-Bord ir-rikorrenti nghatat ampja opportunita` biex tressaq l-provi taghha izda naqset milli taghmel dan. Din il-Qorti qieset b`reqqa r-ragunijiet li gabet r-rikorrenti fil-kawza tal-lum u tghid illi d-decizjoni tal-Bord fl-ewwel grad, konfermata fit-tieni grad mill-Qorti tal-Appell, mhijiex lesiva ghad-drittijiet tar-rikorrenti kif tutelati mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni. Din il-Qorti ssib li fil-konduzzjoni tal-proceduri quddiem il-Bord ma sehhx *actual prejudice* fil-konfront tar-rikorrenti, baqghu mharsa d-drittijiet u l-garanziji kollha taghha ghal smigh xieraq. Ma jirrizultax illi quddiem il-Bord ma kienux garantiti l-i*standards* ta` gustizzja li huma vitali ghall-esistenza ta` *the rule of law.*

Din il-Qorti mhijiex qorti tat-tielet istanza. L-iskop ta' din il-Qorti u, jekk ikun il-kaz, tal-Qorti Kostituzzjonali mhuwiex illi tirrevedi l-konkluzzjonijiet ta' fatt li ittiehdu fil-kors tal-process quddiem il-Bord, izda huwa limitat sabiex tezamina jekk il-process kienx wiehed gust. Ghal dan il-

ghan irid jittiehed kont tal-process kollu. F`**App. No. 1397/1988** deciza fl-4 ta` Novembru 1993, il-Qorti ta` Strasbourg qalet illi *in order to determine whether the aim of Article 6 – a fair trial – has been achieved, regard must be had to the entirety of the domestic proceedings conducted in the case.* Fil-ktieb **"*Article 6 of the European Convention on Human Rights – The Right To A Fair Trial*",** Andrew Grotrian ighid : *The requirement of fairness covers the proceedings as a whole, and not only those in an oral hearing. The question of whether a person has had a 'fair hearing' is thus approached by looking at the whole proceedings, although a particular incident may have a decisive effect.* Fis-sentenza taghha tat-30 ta` Mejju 2002 fil-kawza "**Aquilina vs l-Avukat Generali et**", din il-Qorti diversament presjeduta (PA – GV) qalet illi *sabiex wiehed japprezza jekk proceduri humiex xierqa jew le, wiehed m'ghandux ihares biss lejn xi nuqqasijiet*
*procedurali li jokkorru imma jekk, fl-assjem taghhom, ilproceduri kienux jew le kondotti b'gustizzja fis-sostanza u fl-apparenza* (ara wkoll pag.65 ta` "***A Practitioner`s Guide to the European Convention on Human Rights***" (Third Edition) ta` Karen Reid. Fil-kaz tal-lum, kif diga` rajna mill-analizi tal-fatti kif sehhew, ma jirrizultax illi fil-Bord sehh xi fatt determinanti perpetrat mill-Bord fil-kondotta tal-kawza li kien lesiv ghall-istanza tar-rikorrenti. Daqstant iehor din il-Qorti ma ghandha xejn xi tghid dwar il-gustizzja tal-process.

L-argumenti tar-rikorrenti ma jistghux iwasslu lil din il-Qorti sabiex tikkonkludi illi quddiem il-Bord ma kienx rispettat il-principju tal-*equality of arms.* Fil-kawza **"Dombo Beheer BV vs The Netherlands"** li kienet deciza mill-Qorti ta` Strasbourg fis-27 ta' Ottubru 1993, kien inghad illi *as regards litigation involving opposing private interests, equality of arms implies that each party must be afforded a reasonable opportunity to present his case – including his evidence – under conditions that do not place him at a substantial disadvantage vis a vis his opponent.* Fil-kaz tal-lum, il-fatt illi r-r-rikorrenti ma ressqitx il-provi taghha kien fatt imputabbli biss lir-

rikorrenti u mhux ghal xi nonkuranza da parti tal-Bord fil-harsien u fit-twettieq tal-principju tal-*equality of arms.*

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza hekk :**

**Tichad l-eccezzjoni preliminari tal-intimat Carmelo Fenech.**

**Tilqa` l-eccezzjoni fil-mertu tal-istess intimat Carmelo Fenech.**

**Tilqa` l-eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza Avukat Generali.**

**Tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tal-25 ta` Jannar 2012 (fol 28 u 29 tal-process) u tichad it-talba tar-rikorrenti kif dedotta fir-rikors taghha tal-10 ta` Jannar 2012 (fol 19 tal-process).**

**Tichad it-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors promotorju.**

**Tikkundanna lir-rikorrenti sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------